**It-tgħanniqa tal-imħabba**

Kont miexi filgħodu ħelu ħelu
Meta int waqqaftni, ħerqana kont fil-bieb,
Biex tirrakkuntali fatt kollu żelu
Bit-ton sabiħ ħiereġ minn qalbek tal-ħbieb.

U jien waqaft nisimgħek b'attenzjoni
Kemm rajtek sinċiera u kemm bikkejtni,
Ġrajjet żewġek tarraftli b'emozzjoni
Għalija kienet barka għax wissejtni.

Li l-ħajja hi sabiħa għalkemm bl-għollieq
Meta minsuġa b'talbet il-quddiesa,
Li tiftaħ beraħ lir-ruħ għall-kbir Ħallieq
Tħares lir-ruħ mill-ħażen bla mittiefsa.

Ħassejtu sejjer għand Kristu li jxabba
Beriktu bit-tgħanniqa tal-imħabba.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.